MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2012

Numru. 200/2012

**Il-Pulizija
(Sp Frans Micallef)**

**vs.**

**Mikiel-Anglu Mamo**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mikiel-Anglu Mamo iben Emanu u Lois Ann nee' Robicheau mwieled Senglea nhar it-23 ta' Novembru 1972 u residenti MYHA Hostel Paola, ID 183772 (M)

(a) Akkuzat talli fit-28 ta' April 2007 ghall-habta ta' 12.50pm f'Rahal il-Gdid kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta

meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Akkuzat ukoll talli rrenda ruhu ricediv ghal diversi sentenzi li gew definitivament deciza mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru 2012:

*Deher l-Ispettur Frans Micallef li nforma lill-Qorti li l-imputat ma riedx ikun assistit minn avukat.*

*Il-Qorti offfiet lill-imputat li tqabbadlu avukat tal-ghajuna legali biex jassistieh, pero l-imputat baqa jinsisti li ma jridx avukat.*

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa kkopera mal-pulizija pero l-fedina penali hija wahda rafrettarja bb'20 kundanna moghtija minn dawn il-Qrati. Fil-fatt it-tieni imputazzjoni odjerna hija ta' ricediva.

Pero l-imputat, li bhal issa jinsab il-habs, deher gewnin fix-xhieda tieghu li la johrog mill-habs ibiddel hajtu. Huwa xehed li ghandu relazzjoni stabgbli u qed jirranga biex meta jorhog mill-habs ikollu xoghol. Ghaldaqstant il-Qorti mhix ser tgholli l-piena bi grad kif tista' taghmel in vista ta' l-imputazzjoni tar-ricediva.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 kif wkoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00) bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta' Marzu 2013. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------